# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

# 7 LEĠISLATURA

# Laqgħa Annwali

It-Tnejn 11 ta' Diċembru, 2017

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa sejjaħ il-laqgħa annwali tal-Lokalita' li nżammet fis-Sala tal-Komunità, li tinsab fl-indirizz Dar Birżebbuġa, Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Cutajar (JC) | Sindku |
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjorina Leanne Abela Grech (LAG) | Kunsillier |
| Is-Sinjura Josette Busuttil (JBD) | Kunsillier |
| Is-Sur Sandro Alexander Caruana (AC) | Kunsillier |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (3)

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Nil

ASSENTI

| | |
|---|---|
| Is-Sur Johann Borg (JBO) | Kunsillier |

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Svetlick Flores – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Joseph Cutajar ippresjeda l-laqgħa.

# 1 Indirizz ta' Merħba;

1.1. Is-Sindku JC ta merħba lill-pubbliku preżenti.

# 2 Rapport ta' Hidma tal-Kunsill għas-Sena 2017

2.1. Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jaqra rapport li jelenka l-ħidma tal-Kunsill matul is-sena 2017, (Anness Dok A).

# 3 Estimi Finanzjarji

3.1. Is-Sindku JC talab lis-Segretarju Eżekuttiv jippreżenta l-estimi finanzjarji għas-sena 2018.

3.2. Is-Segretarju Eżekuttiv qara rapport li jelenka l-punti saljenti tal-estimi finanzjarji. (Anness Dok B)

# 4 Interventi mill-Pubbliku

4.1. Is-Sur Aquilina staqsa dwar il-manutenzjoni tal-bankijiet tal-Bajja s-Sabiħa, partikularment dawk li għadhom bl-*undercoat*.

4.1.1. Is-Sindku informa li dawn ser isiru mill-ħaddiema assenjati mill-MTA, wara li jsiru r-*railings*.

4.2. Is-Sur Emanuel Aquilina irringrazzja lil Kunsill dwar ix-xogħlijiet li saru u tkellem fuq Triq l-Immakulata Kunċizzjoni. Huwa qal li din kienet saret mill-Gvern Ċentrali madwar 30 sena ilu. Huwa ssuġġerixxa li l-Kunsill jitlob formalment li din it-triq terġa' issir mill-Gvern Ċentrali u għaldaqstant talab li jitressaq l-ilment lill-Awtoritajiet konċernati.

4.2.1. Is-Sindku informa li ġaladarba qed isiru t-trinek fit-toroq, ser iressaq t-talba formalment.

4.3. Is-Sur Aquilina għamel referenza għal proġett ta' riabilitazzjoni tal-parkeġġ f'Wied il-Buni u ta' Triq San Patrizju, u staqsa jekk is-salini hux ser ikunu riabilitati ukoll, speċjalment dawk li huma mgħottijin bil-konkrit.

4.3.1. Is-Sindku informa li r-riabilitazzjoni ma tinkludix xogħlijiet fuq il-blat.

4.4. Is-Sur Aquilina għamel referenza għal Triq l-Immakulata Kunċizzjoni kantuniera ma' Triq il-Karmnu, fejn letteralment qed jintefa' skart domestiku u rimi b'mod abbużiv.

4.4.1. Is-Sindku informa li l-iskart jinġabar regolarment u tal-inqas darbtejn fil-ġimgħa jsir xogħol ta' tindif addizzjonali, però xorta l-problema hija persistenti. Huwa informa li din il-materja ġiet diskussa mill-Kunsill, u qed jitqiesu possibilitajiet oħra.

4.5. Is-Sur Aquilina għamel għas-sistema ta' traffiku fi Triq il-Kummerċ kantuniera ma' Triq San Filippu. Huwa r-rimarka li s-senjalazzjoni tista' tkun oħra.

4.5.1. Il-Kunsillier SZ informa li s-*central strip* tintuża bħala *roundabout*, u t-traffiku jdur kif suppost, bħad-direzzjoni tal-arloġġ. Huwa informa li r-*road humps*, għenu sabiex inaqqsu l-veloċita' tal-vetturi.

4.5.2. Il-Kunsillier AC informa li saret proposta sabiex issir sistema tat-traffiku bil-*one-ways* għal Triq San Patrizju, u Triq San Filippu, u għaldaqstant possibbilment ikun hemm xi kambjamenti li jsarrfu fil-pożittiv.

4.5.3. Il-Kunsill innota wkoll il-possibbilta' li tiġi riveduta s-sistema ta' *stop / give-way*.

4.6. Is-Sur Charles Tanti irrimarka li f'ħafna toroq qed imorru l-*mains* tal-ilma, bil-konsegwenza li t-toroq qegħdin ikollhom jinfetħu kontinwament.

**NB: 6.33 pm Is-Sinjura Vella attendiet għal-laqgħa.**

4.7. Is-Sinjura Vella irrimarkat li fl-istess akkwata ta' Triq iż-Żurrieq u Misraħ il-Knisja, hemm tlett (3) spazji ta' parkeġġi riservati, u issuġġeriet li dawn jingħaqdu. Hija irrimarkat ukoll li t-tabelli għandhom jindikaw b'mod ċar il-ħinijiet.

4.7.1. Il-Kunsill innota, u ser jivverifika li t-tabelli kollha għandhom il-ħinijiet.

4.8. Is-Sur Tanti tkellem dwar il-problema ta' parkeġġ fi Triq Santa Rita.

## 5 Għeluq tal-laqgħa

5.1. Is-Sindku irringrazzja lill-membri tal-pubbliku preżenti talli għoġobhom jattendu u jipparteċipaw.

5.2. Il-laqgħa intemmet fis-7.00 ta’ filgħaxija.

Konfermati, illum 8 ta’ Jannar 2018.

| | |
|---|---|
| [Iffirmati] | [Iffirmati] |
| Joseph Cutajar<br>Sindku | Svetlick Flores<br>Segretarju Eżekuttiv |